sem&u

Lulju 2022
Ħarġa nru 21

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex  www.sacredheartseminary.org.mt
2155 6479  rector.seminary@churchingozo.mt

# *Tislima* LIL FR TONY







Il-Komunità tas-Seminarju ssellem il-memorja għażiża ta' Fr Tony Sciberras mssp li mar jiltaqa' mal-Ħallieq nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2022. Fr Tony serva bħala rettur tas-Seminarju tagħna bejn l-2014 u l-2016. Wara li spiċċa minn rettur, Fr Tony baqa' jitlob ta' kuljum, kif kien jgħidilna hu stess, għall-komunità tas-Seminarju ta' Għawdex.

Il-Mulej Ġesù, is-Saċerdot il-Kbir u Waħdieni, jagħti l-mistrieħ ta' dejjem lil dan il-qaddej umli, ħabrieki u ferrieħi tiegħu.

# "GABRIEL KONT, GABRIEL GĦADNI U GABRIEL NIBQA"

Ftit ġimgħat ilu, propju nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju, Fr Gabriel Vella ġie ordnat saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex. Fr Gabriel qal kif dawn l-aħħar ġimgħat kienu tassew sbieħ, b'mod partikulari dak li għandu x'jaqsam mal-Liturġija Ewkaristika, mhux għax iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika issa inbidlet jew inkella saret xi ħaġa differenti, iżda Ġesù Ewkaristija beda jiġi fuq l-artal permezz tiegħu, u permezz ta' dan qed jiskopri aktar il-Grazzja li Alla jibgħat fuq il-poplu tiegħu.

Gabriel mhux dejjem kien iħoss is-sejħa li jkun saċerdot. Anzi ħafna drabi kien jimmaġina lilu nnifsu bħala tabib għaliex permezz ta' din il-professjoni huwa seta' jkun ta' għajnuna għal dawk ta' madwaru. Ma' dan huwa xtaq li jkollu ħajja komda u stabbli. Maż-żmien hu beda jħoss sejħa u ħajra lejn is-saċerdozju. Gabriel ma kienx abbati u ta' erbatax-il sena daħal abbati fil-parroċċa tal-Qala. Hu kien jara kif l-abbatini kienu jaqdu l-altar u għalhekk x'sehem importanti kellhom waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Gabriel stqarr magħna li hu kien żagħżugħ bħal ħafna oħrajn, tant li għamel żmien jaħdem fuq il-gżira ta' Kemmuna fejn kien hemm xi wħud minn sħabu wkoll, iżda Gabriel ried iġib differenza u ħass li l-Mulej qed jagħmillu sejħa sabiex iwieġeb għas-saċerdozju. Id-diversi esperjenzi sbieħ ta' saċerdoti li kien jara għenuh sabiex jwieġeb iva, u bil-mod il-mod jasal huwa stess sabiex ikun saċerdot. Sabiex wieħed iwieġeb għas-sejħa li jagħmillu Alla, wieħed għandu jirriskja u jintefa f'dak li jkun qed iħoss, kif ukoll ifittex is-sapport mingħand persuni oħra. U dan li għamel Fr Gabriel.

Issa li ġie ordnat saċerdot ma huwiex persuna differenti minn Gabriel li kien qabel, iżda issa huwa dak li jirrappreżenta lil Alla fost il-poplu, huwa dak li bil-mod il-mod qed jara l-bżonn li s-saċerdoti ikun qrib il-poplu b'mod speċjali permezz tal-qrar, xi ħaġa li Fr Gabriel qed jipprova jagħmel permezz tal-preżenza u l-kelma tiegħu ġewwa l-konfessjonarju.

Sabiex wieħed jiskopri il-vokazzjoni li għandu jrid jirriskja u jagħmel pass. Però mhux kull pass waħdu jwassalna sabiex niskopru l-vokazzjoni tagħna. Huwa għalhekk li għandna bżonn li nsibu persuni li jkunu ta' għajnuna sabiex niskopru aktar is-sejħa tagħna. Huwa għalhekk li wieħed qatt ma għandu jibqa' bilqiegħda, iżda jagħraf iqum u jibda miexi.



Fr Gabriel kellu diversi persuni li għalkemm mhux kollha jafhom, kienu ta' għajnuna kbira permezz tat-talb u s-sostenn tagħhom għal aktar vokazzjonijiet. Għaliex is-sostenn tagħhom, għalkemm mhux dejjem jidher, huwa importanti ħafna.

# GRAZZI U MERĦBA





Nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju, il-komunità tas-Seminarju Maġġuri sellmet lil Sr Mary Borg FCJ fi tmiem tal-esperjenza u l-ħidma tagħha fis-Seminarju. Sr Mary kienet ilha minn Settembru 2019 fil-Kunvent li s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għandhom fis-Seminarju. Bħala ringrazzjament lil Alla, saret quddiesa fil-Kappella tas-Seminarju mmexxija mir-Rettur Dun Richard N. Farrugia flimkien mas-saċerdoti li jgħinu fil-formazzjoni, fil-preżenza ta' Sr Claudia Zammit, il-Madre Provinċjali, il-komunità tas-Sorijiet li hawn is-Seminarju, u ta' numru ta' voluntiera u helpers.

Nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju, il-komunità tas-Seminarju tat merħba lil Sr Shanti Perbo FCJ li nqagħdet mas-Sorijiet tas-Seminarju biex twettaq il-missjoni tagħha mal-komunità tas-Seminarju.

Nirrangrajjaw lil Sr Mary u lil Sr Shanti tal-ħidma tagħhom u nifirħulhom għall-missjoni ġdida li ġiet afdatha lilhom.

*Il-Komunità tas-Seminarju*
tawgura
lil **DUN GABRIEL VELLA** fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Presbiterali
u lid-**DJAKNU MATTHEW BAJADA** fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Djakonali.

**GĦIN LIS-SEMINARJU JKOMPLI L-MISSJONI TIEGĦU!**
Tista' tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot
jew permezz ta' bank transfer:
**APS Account Number:** 2000162755-8
**IBAN Number:** MT27APSB77035008161820001627558
*Grazzi tal-ġenerożità' tiegħek!*

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Nhar it-Tnejn 25 t'April, is-seminaristi rritornaw lura fis-Seminarju wara l-vaganzi tal-Għid.

L-Erbgħa 26 t'April, is-seminarista Anthony Joe Borg mexxa każ morali dwar il-libertà u l-kundizzjonamenti tal-persuna fl-għażliet morali tagħha. Għal dan il-każ kien mistieden il-kleru tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Dakinhar filgħaxija saret ukoll laqgħa ta' formazzjoni dwar l-ispiritwalità u l-fraternità saċerdotali tal-Beatu Charles de Foucauld fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni tiegħu. Il-laqgħa tmexxiet min Dun Alex Cauchi.

Is-Sibt 30 t'April, il-komunità tas-Seminarju attendiet għall-Quddiesa Djoċesana b'suffraġju tal-ex-Rettur Fr Tony Sciberras MSSP li saret fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Matul din il-quddiesa l-Isqof Anton Teuma mexxa r-rit tal-ammissjoni għall-Ordni Sagri tas-seminarista Matthew Bajada.

Nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju, ġew organizzati diversi laqgħat b'tema vokazzjonali għall-istudenti kollha tas-Seminarju Minuri. Dawn il-laqgħat kienu bi tħejjija għall-Ħadd tal-Vokazzjonijiet.



Il-Ġimgħa 13 ta' Mejju, l-abbatini tal-parroċċi tal-Għasri, San Lawrenz u l-Għarb ġew mistiedna biex jattendu għal mument ta' adorazzjoni u għall-ikel flimkien mas-seminaristi.

Is-Sibt 14 ta' Mejju, sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu li ntemm b'quddiesa fil-kappella tas-santwarju. Waqt il-quddiesa, id-Djaknu Gabriel Vella ġedded il-wegħdiet tiegħu bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali.

L-għada, il-Ħadd 15 ta' Mejju, ġiet organizzata *Festa Abbatini* wara nuqqas ta' sentejn. L-attività saret fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu u ġew mistiedna l-abbatini kollha tad-Djoċesi ta' Għawdex flimkien mal-familji tagħhom. It-tema ta' din l-attività kien meħudha mid-diskors li Papa Franġisku għamel fiż-żjara tiegħu f'Għawdex: "Intom teżor fil-Knisja u għall-Knisja."



Nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju, ġew fi tmiemhom il-laqgħat tal-ministeri permezz ta' quddiesa fil-kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra. Dawn il-laqgħat kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa u din is-sena t-temi kienu l-virtù tal-fidi u l-kunsill evanġeliku tal-kastità.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju, saret velja ta' talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali tad-Djaknu Gabriel Vella. Il-velja saret fil-grawnd tas-Seminarju Minuri u wara kien hemm lejl ta' adorazzjoni fil-kappella tas-Seminarju Maġġuri li ġie fi tmiemu bit-talb tat-tifħir ta' sbiħ il-jum.

L-għada, il-Ġimgħa 20 ta' Mejju, Gabriel Vella ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Anton Teuma fil-Katidral ta' Għawdex.



Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju, ġie fi tmiemu t-tieni semestru. Fil-ġranet ta' wara, sal-Erbgħa 15 ta' Ġunju, is-seminaristi kienu qed jagħmlu l-eżamijiet.

Nhar is-Sibt 11 ta' Ġunju, is-seminaristi marru jitolbu t-talba tar-Rużarju fil-kappella tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Wara r-Rużarju, is-seminarista Matthew Bajada għamel l-istqarrija tal-fidi u ħa l-wegħdiet bi preparazzjoni għall-Ordinazzjoni Djakonali.

L-Erbgħa 15 ta' Ġunju, wara li s-seminaristi għamlu l-aħħar eżami, saret quddiesa tal-għeluq tas-sena tal-formazzjoni bis-sehem tal-familjari tagħhom.

Il-Ħamis 16 ta' Ġunju filgħodu saret ir-*Revision de Vie* għas-seminaristi li tmexxiet mid-Direttur Spiritwali ġewwa d-Dar tal-Irtiri *Manresa*.

Dakinhar filgħaxija, saret velja ta' talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Djakonali tas-seminarista Matthew Bajada fil-knisja parrokkjali tal-Għarb. Wara l-vejla, segwa lejl ta' adorazzjoni fil-kappella tas-Seminarju Maġġuri li ġie fi tmiemu bit-talb tat-tifħir ta' sbiħ il-jum.

L-għada, il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju, Mons. George Frendo OP, Arċisqof Emeritu ta' Tirana fl-Albanija, ordna lil Matthew Bajada bħala Djaknu fil-Katidral ta' Għawdex.

Bejn it-Tnejn 20 u t-Tlieta 21 ta' Ġunju, ġie organizzat *Summer Intensive Course* bl-isem ta' *The Church in the digit[AI]l age: The field hospital in a Web 3.0 age*. Dan il-kors sar fis-Seminarju stess u tmexxa minn Dun Matthew Pulis.

Mill-Ħamis 23 sat-Tlieta 28 ta' Ġunju s-seminaristi wettqu xi xogħol fil-Biblijoteka tas-Seminarju.

Matul il-vaganzi tas-Sajf, is-seminaristi mistennija li jqattgħu aktar ħin mal-familjari tagħhom, ikunu preżenti aktar fid-diversi parroċċi, jagħmlu xi esperjenza ta' volontarjat u anke jkollhom aktar ħin għall-mistrieħ.



## MESSAĠĠ *mill-Viċi Rettur*
### DUN **SAMUEL** GRECH

## NIMXU MINGĦAJR MA NIEQFU

Jirrakkuntaw storja ta' grupp ta' turisti li kienu waqt vaganza u daħħlu f'rashom li jitilgħu fuq muntanja li kienet qrib tagħhom. Meta wasal il-mument li jitilqu, uħud mill-membri tal-grupp, x'ħin irrealizzaw kemm kienet għolja l-muntanja, reġa' bdielhom u qalu lil sħabhom l-oħra li kienu ser jibqgħu fil-lukanda, waqt li l-oħrajn telqu biex jilħqu l-għan tagħhom. Kif kienu mexjin, waslu f'parti li kienet sabiħa ħafna. In-natura li kien hemm kienet tpaxxi l-għajn. Kien għad fadal ftit mhux ħażin biex jaslu fuq il-quċċata tal-muntanja. Dak il-ħin, uħud mill-membri tal-grupp qatugħha li jibqgħu hemmek. Bejniethom irraġunaw li ma kienx hemm għalfejn jibqgħu sejrin ġaladarba kien hemm daqshekk sabiħ. Però l-membri l-oħra tal-grupp kienu deċiżi li jibqgħu telgħin sal-quċċata. Batew ftit mhux ħażin biex waslu s'hemm fuq. Imma meta waslu u raw dik il-panorama madwarhom ħassewhom sodisfatti u qalu lil xulxin: Allaħares ma bqajniex telgħin!

Ħajjitna wkoll nistgħu ngħidu li hija vjaġġ lejn destinazzjoni sabiħa. Għalina din id-destinazzjoni għandha aktar minn isem wieħed: il-Ġenna, il-Ħajja ta' dejjem, l-Eternità, imma finalment hija l-istess destinazzjoni. Tentazzjoni li tista' tigrilna hi li naqtgħu qalbna, jew inkella li nikkuntentaw ruħna bl-affarijiet ta' din id-dinja li ma jagħtuniex l-iskop veru ta' ħajjitna.

Il-vokazzjoni saċerdotali hija mod kif il-bniedem jiskopri din il-mixja li tgħin lilu u lill-oħrajn jaslu sal-'quċċata'. F'dan is-sens, dejjem se jkollna bżonn tas-saċerdot, ikun x'ikun iż-żmien li nkunu qed ngħixu fih.

Għal grazzja t'Alla wasalna fi tmiem ta' sena oħra fil-mixja formattiva ġewwa s-Seminarju. Ma ngħejjew qatt nappellaw biex tkomplu titolbu għas-seminaristi tagħna biex dejjem iżommu f'moħħhom il-'quċċata' li huma msejħa biex jaslu għaliha, biex il-Mulej iħarishom mit-tentazzjoni ta' qtigħ il-qalb, kif ukoll mit-tentazzjoni li jagħmlu kompromessi mad-dinja.

Minn qalbna nirringrazzjawkom tal-appoġġ li dejjem tagħtuna, kemm bit-talb tagħkom kif ukoll bl-għajnuna materjali. Il-Mulej ikompli jżomm idejh fuqkom u jberikkom.